**21 ta' April, 1961**
**Imħallfin:—**
**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Perit Arkitett Salvino Mangion, B.Sc., B.E. & A., A. &C.E., O.B.E., ne.

*versus*

Nobbli Norah Elma Mary Chesney Sceberras D'Amico.

**Esproprjazzjoni — Lokazzjoni — "Owner" u "Occupier" — "Alternative Accomodation" — Art. 2 tal-Kap.136.**

*Skond il-Liġi dwar l-Esproprjazzjoni ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, fi żmien erbatax il-ġurnata mill-jum tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li l-art fiha ndikata hija rikjesta għal skop publiku, is-sid tal-art jew min jokkupaha, jekk ikun hemm, għandhom jagħtu f'idejn l-Awtorità kompetenti l-pussess tagħha; iżda jekk l-art li l-pussess tagħha jkun hekk meħtieġ tkun dar fil-fatt okkupata bħala dar, min jokkupaha ma jkunx jeħtieġlu li jitlaq il-pussess tagħha qabel ma jgħaddu erbatax il-ġurnata mill-ġurnata li fiha l-Awtorità kompetenti tkun offriet bil-miktub lill-imsemmi okkupant fejn joqgħod band'oħra, li raġjonevolment ikun biżżejjed għan-nies li joqgħodu f'dik id-dar.*

*Il-liġi tiddistingwi espressament bejn l-"owner" u l-"occupier". Il-provvediment tal-"alternative accomodation" hu maħsub fl-interess esklużiv tal-"occupier", biex ma jsibx ruħu bla dar; huwa hu li, meta hi meħtieġa l-offerta ta' dar oħra, jista' jkun intitolat li ma jikkonsenjax il-pussess bis-saħħa tal-obligu separatament impost lilu, sakemm dik l-offerta ma tkunx saret. Iżda f'dan, is-sid ma għandu x'jaqsam xejn. Hu la għandu ebda dritt, la ebda nteress leġittimu, u lanqas ebda "locus standi", meta ma hux jokkupa l-post, rigward l-"alternative accomodation".*

*Konsegwentement, is-sid tal-art esproprjata li ma jkunx jokkupaha huwa stess, u li tkun mikrija lil ħadd ieħor, hu*

*obligat li jagħti f'idejn l-Awtorità kompetenti l-pussess tal-art fi żmien erbatax il-ġurnata mill-publikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur; u d-dritt li jirreżisti l-effetti tad-Dikjarazzjoni qabel ma tiġi offerta l-"alternative accomodation" jispetta talvolta lill-inkwilin biss.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fil-25 ta' Frar 1961 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta li b'rikors preżentat fl-4 ta' Frar 1961 il-konvenuta talbet u otteniet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-attur nomine għall-fini tal-impediment tal-inizju tad-demolizzjoni tal-proprjetà "Casa Misida", Misida Road, Birkirkara, kif ukoll tal-introduzzjoni tal-intimat nomine u tal-uffiċjali u dipendenti tiegħu f'dik il-proprjetà; u illi t-talba ġiet milqugħa fiż-17 ta' Frar 1961; u illi l-konvenuta ma tokkupax għal skopijiet residenzjali l-imsemmija dar, u ma kellha u lanqas għandha ebda dritt li għandu jiġi kawtelat, għaliex il-parti mill-ġnien tal-fond u r-remissa li tagħmel miegħu ġiet esproprjata bis-saħħa tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Marzu 1960, u għalhekk l-pussess kellu jiġi rilaxxjat wara erbatax il-ġurnata mid-data tal-publikazzjoni; talab li l-Qorti tordna r-revoka tal-mandat tal-inibizzjoni fl-ismijiet "Nobbli Norah Elma Mary Chesney Sceberras D'Amico versus A.I.Ċ. Salvino Mangion fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tax-Xogħolijiet Publiċi", maħruġ mill-istess Qorti fiż-17 ta' Frar 1961 previja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenuta ma kellha u lanqas għandha ebda dritt x'tikkawtela, u d-dikjarazzjoni illi l-pussess tal-art esproprjata kellu jiġi rilaxxjat wara erbatax il-ġurnata mill-20 ta' Mejju 1960. Bl ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li fil-meritu eċċepiet illi l-bażi tad-domanda hi legalment invalida u inussistenti; illi rriżulta fil-proċeduri tal-inibizzjoni li l-fond hu tenut b'kiri għall-abitazzjoni, u għalhekk tajjeb ġie ritenut minn dik il-Qorti li l-akkwist forżus ma jistgħax jimxi qabel ma l-Awtorità kompetenti tkun offriet "alternative accomodation" adegwat;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Marzu 1961,

li biha ddeċediet adeżivament għad-domanda tal-attur; billi, wara li ddikjarat li l-konvenuta ma kellha u lanqas ma għandha ebda dritt x'tikkawtela, u li l-pussess tal-art esproprjata kellu jiġi rilaxxjat minnha wara erbatax il-ġurnata mill-20 ta' Mejju 1960, ordnat ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni ndikat fiċ-ċitazzjoni, spedit mill-istess Qorti fis-17 ta' Frar 1961; l-ispejjeż, kompriżi dawk riżervati bid-deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 1961, jibqgħu esklużivament għak-kariku tal-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast fuq il-fatti tal-kawża; li fil-qosor huma dawn. B'dikjarazzjoni magħmula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Aġent Gvernatur bis-saħħa tal-art. 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, li ġiet publikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 11257 tal-20 ta' Mejju 1960 ġiet ordnata l-esproprjazzjoni ta' sittax il-biċċa art, fosthom waħda proprjetà tal-konvenuta f'Valley Road, Misida u Birkirkara. Din l-aħħar biċċa art, skond ma tgħid il-konvenuta, tirrakkjudi l-fond "Casa Misida" u beni adjaċenti, cjoè remissa, kollha jew parti kbira minnha, parti mill-ġnien, u parti mit-taraġ li jservi bħala ingress għall-ġnien tal-istess fond f'Misida Road, Birkirkara, proprjetà tal-istess konvenuta. B'rikors minnha preżentat fl-4 ta' Frar 1961, il-konvenuta, wara li ppremettiet, fost ħwejjeġ oħra, li hija kienet tippretendi li "Casa Misida" għandha valur u nteress storiku u arkitettoniku u li hija għandha nteress personali, in kwantu din id-dar, bil-ġnien li jiċċirkondaha, hija r-residenza proprja, unika, u normali tagħha, u li l-attur nomine, skond ma ġiet infurmata, u d-dipendenti uffiċjali tiegħu, kienu sejrin minn mument għall-ieħor jidħlu f'dak il-fond u jibdew jiddemolixxu l-parti affettata, u b'hekk jiġi demolit l-intier, u jiġu irrimedjabbilment preġudikati d-drittijiet tagħha, talbet li in kawtela u għall-konservazzjoni tad-drittijiet tagħha minnha pretiżi, din il-Qorti tordna l-ispedizzjoni tal-opportun mandat ta' inibizzjoni kontra l-attur nomine, għall-fini tal-impediment tal-iniziu tad-demolizzjoni tal-istess imsemmija proprjetà, kif ukoll tal-introduzzjoni tal-attur nomine u tal-uffiċjali u dipendenti oħrajn tiegħu f'dik l-istess proprjetà. Din il-Qorti wara li semgħet lill-partijiet u l-provi fl-udjenza tas-16 ta' Frar 1961, b'digriet taż-17 ta' Frar

1961 laqgħet it-talba tal-konvenuta, billi rriteniet li l-fond "de quo" hu dar abitata, bil-ġnien u remissa magħha, u skond il-proġett tal-Gvern l-esproprjazzjoni tikkomprendi r-remissa kollha, jew kważi kollha, parti mill-ġnien, u parti mit-taraġ li jservi ta' dħul għall-istess ġnien; li l-attur jippretendi illi huwa ġa għandu l-pussess tal-parti esproprjata, billi għaddew aktar minn erbatax il-ġurnata mindu ġiet publikata d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, mentri din id-dekorrenza mhix applikabbli f'każ ta' "dwelling house", il-parti esproprjata hi parti minnha u għaliha nservjenti, kompriż il-ġnien; u illi jidher li "prima facie" l-konvenuta għandha dritt għall-kawtela mitluba;

Illi bil-kawża odjerna l-attur , nomine, wara li jippremetti li l-konvenuta ma tokkupax għal skopijiet residenzjali l-imsemmija dar, u ma kellha u lanqas għandha ebda dritt li għandu jiġi kawtelat, għaliex il-parti mill-ġnien tal-imsemmi fond u r-remissa li tagħmel miegħu ġiet esproprjata bis-saħħa tad-Dikjarazzjoni magħmula mill-Gvernatur u publikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Mejju 1960, u għalhekk il-pussess kellu jiġi rilaxxjat wara erbatax il-ġurnata mid-data ta' dik il-publikazzjoni, qiegħed jitlob li din il-Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi, maħruġ minn din l-istess Qorti fiż-17 ta' Frar 1961, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenuta ma kellha u lanqas għandha ebda dritt x'tikkawtela, u li l-pussess tal-art esproprjata kellu jiġi rilaxxjat wara erbatax il-ġurnata mill-20 ta' Mejju 1960. Il-konvenuta teċċipixxi illi l-bażi tad-domanda hi legalment invalida u insostenibbli, billi rriżulta fil-proċedura tal-inibizzjoni li l-fond hu detenut b'kiri għall-abitazzjoni, u għalhekk ġie tajjeb ritenut minn din il-Qorti li l-akkwist forżus ma jistgħax jimxi qabel ma l-Awtorità kompetenti tkun offriet "alternative accomodation" adegwat;

Illi l-skond l-art. 2 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Publiċi (Kap. 136), kif emendat bl-Ordinanza nru. XLV tal-1946, fi żmien erbatax il-ġurnata minn dik il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, issid tal-art, jew min jokkupaha, jekk ikun hemm, għandhom jagħtu f'idejn l-Awtorità kompetenti l-pussess tagħha; iżda jekk l-art li l-pussess tagħha jkun hekk meħtieġ

tkun dar fil-fatt okkupata bħala dar, min jokkupaha ma jkunx jeħtieġlu li jitlaq il-pussess tagħha qabel ma jgħaddu erbatax il-ġurnata mill-ġurnata li fiha l-Awtorità kompetenti tkun offriet bil-miktub lill-imsemmi okkupant fejn joqgħod band'oħra, li raġjonevolment ikun biżżejjed għannies li joqgħodu f'dik id-dar. Kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Marzu 1961 fil-kawża l-oħra ġa msemmija, li qegħdha tiġi trattata kontestwalment ma' din l-odjerna, il-konvenuta tirrikonoxxi illi l-fond "Casa Misida" mhux qed jiġi okkupat minnha, iżda minn Lt. Cdr. John Walters, li ilu jokkupa l-istess fond b'titolu ta' lokazzjoni minn qabel l-20 ta' Mejju 1960. Kwindi l-konvenuta hi sid l-art, li parti minnha hi talvolta nservjenti għall-imsemmi fond, li ġiet esproprjata; imma l-art kollha, kompriż il-fond, jew almenu dan il-fond, mhux okkupat minnha, imma jinsab okkupat, u ilu hekk jiġi okkupat b'titolu ta' lokazzjoni mill-imsemmi inkwilin minn qabel il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-Dikjaraz tal-E.T. l-Aġent Gvernatur għall-esproprjazzjoni ta' dik il-biċċa art. Konsegwentement, il-konvenuta, skond id-dispożizzjoni msemmija tal-liġi, kienet fl-obligu li tagħti f'idein l-Awtorità kompetenti l-pussess tal-art b'dak kollu li l-istess kienet tirrakkjudi, anki talvolta dak il-fond kollu, fi żmien erbatax il-ġurnata mill-20 ta' Mejju 1960. Tajjeb, għalhekk, jippremetti l-attur fl-att taċ-ċitazzjoni li l-konvenuta ma tokkupax għal skopijiet residenzjali l-fond "Casa Misida"; għaliex din iċ-ċirkustanza tinsab espressament rikonoxxuta mill-istess konvenuta. Tajjeb ukoll jippremetti l-attur fl-istess att li l-konvenuta ma kellha u lanqas għandha ebda dritt li għandu jiġi kawtelat: għaliex l-art in kwistjoni, komprendenti talvolta anki l-imsemmi fond kollu, ġiet esproprjata bis-saħħa tad-Dikjarazzjoni magħmula mill-E.T. l-Aġent Gvernatur fil-Gazzetta tal-Gvern ġa msemmija: u kwindi, meta talbet l-ispedizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-attur, il-konvenuta ma kellha ebda dritt x'tikkawtela;

Illi xejn ma jiswa lill-konvenuta li, kif hija tissottometti, il-fond imsemmi u talvolta l-bini kollu adjaċenti, jinsab okkupat, detenut b'kiri għall-abitazzjoni. Kif ġa ntqal, hija tirrikonoxxi li dan il-fond u bini jinsab okkupat mhux minnha, imma minn inkwilin, u kwindi jsta' talvolta

jispetta lil dan l-inkwilin li jopponi li jitlaq il-pussess tagħhom qabel ma jgħaddu erbatax il-ġurnata minn meta l-Awtorità kompetenti tkun offrietlu bil-miktub fejn joqgħod band'oħra adegwatament. Lill-konvenuta, bħala sid l-art, il-fond u bini, ma japplikax il-"proviso" kontemplat fid-dispożizzjoni tal-liġi msemmija;

Lanqas ma tiswa s-sottomissjoni tal-konvenuta li hija, bħala sid il-fond "Casa Misida", għandha l-obligu skond il-liġi li tassigura li dak l-inkwilin ikollu l-godiment bil-kwiet tal-fond mikri lilu minn għandha għaż-żmien kollu tal-lokazzjoni; għaliex, apparti li ma jirriżultax li dan l-inkwilin sa issa qatt talab lill-konvenuta tassiguralu dan il-godiment, l-istess inkwilin ma għandux bżonn l-intervent tal-konvenuta biex huwa, jekk għandu d-dritt u jkun irid, ma jitlefx il-godiment tal-fond mikri lilu minn għandha sa-kemm ikollu fejn joqgħod adegwatament;

Illi l-konvenuta tipprotesta għall-ispejjeż ta' din il-kawża, billi tissottometti li in segwitu għall-ordni taż-17 ta' Frar 1961, li bih ġie spedit il-mandat ta' inibizzjoni hija kienet fl-obligu li tiddeduċi l-azzjoni analoga in sostenn tal-pretensjoni tagħha fi żmien erbgħa tijiem minn notifika lilha tal-avviż tal-eżekuzzjoni tiegħu, li diversament l-effetti ta' dak il-mandat kienu jispiċċaw, u li kwindi l-attur, biex jevita spejjeż, kien messu stenna li jara jekk hija kienetx sejra tiddeduċi dik l-azzjoni; jekk hija kienet tibqa' ma tiddeduċix, l-attur kien jottjeni l-intent tiegħu xorta waħda, għaliex il-mandat kien jispiċċa "ipso facto"; jekk hija kienet tiddeduċi, l-attur kien jikkontesta l-pretensjoni tagħha b'eċċezzjoni fil-kawża minnha promossa. Din is-sottomissjoni tal-konvenuta mhix sostenibbli. Apparti raġunijiet oħra li ma hemmx bżonn jiġu ndikati, jingħad li l-attur kellu raġunijiet plawsibbli, indikati fir-rikors tal-25 ta' Frar 1961, li jottjeni bl-urġenza deċiżjoni fuq il-pretensjoni tiegħu, u ma kellu ebda obligu jistenna l-eżitu tal-kawża li l-konvenuta kellha tagħmel in sostenn tad-drittijiet imsemmijin minnha f'dak il-mandat;

Illi għalhekk id-domanda tal-attur tirriżulta ġustifikata, billi skond ir-riżultanzi f'din il-kawża ġie konstatat li

lanqas ma kien hemm raġunijiet li għalihom il-konvenuta setgħet titlob u tottjeni l-ispedizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni;

Rat in-nota li biha l-konvenuta appellat minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi revokata u t-talba tal-attur tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Biex wieħed jara kemm hija nfondata l-pretensjoni tal-appellanti, biżżejjed jikkunsidra illi, biex tottjeni l-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni, li hu l-oriġini ta' din il-kawża, hi ħasset il-bżonn li tgħid, kontra l-verità, illi d-dar in kwistjon bil-ġnien li jiċċirkondaha "hija r-residenza proprja, unika u normali tagħha" (fol. 11); mentri l-verità hi illi dik id-dar mhix okkupata mill-appellanti, iżda tinsab okkupata b'kiri minn Lt. Cdr. Walters, li ilu hekk jokkupaha minn qabel l-20 ta' Mejju 1960, meta saret id-Dikjarazzjoni tal-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur;

L-appellanti hi s-sid tal-fond. Għad illi skond l-art. 2 tal-Kap. 136 "owner includes lessee", f'dik l-Ordinanza, dan huwa hekk "unless the context otherwise requires". Issa fl-art. 2(2) u (3), li huma d-dispożizzjonijiet rilevanti għall-każ, il-liġi espressament tiddistingwi bejn l-"owners" u l-"occupier". Fi żmien erbatax il-ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fil-Gazzetta tal-Gvern, tant l-"owner" kemm l-"occupier" (jekk ikun hemm) għandhom jikkonsenjaw il-pussess lill-Awtorità kompetenti. Iżda jekk l-art li sejra tittieħed "is a dwelling house actually occupied as such, the occupier shall not be required to yield up possession thereof before the lapse of fourteen days from the day when alternative accomodation reasonably sufficient for the persons resident in the dwelling house, has been offered in writing by the competent authority to the said occupier";

Ir-raġuni ta' dan hi elementarment ovvja. Is-sid, jekk

*hu stess mhux l-"occupier", ma għandu x'jaqsam assolu*tament xejn mal-offerta ta' "alternative accomodation". Hu obligat, bis-saħħa tal-obligu lilu mpost separatament fid-dispożizzjoni fuq ċitata, jagħti l-pussess lill-Awtorità fi żmien erbatax il-ġurnata fuq imsemmija, ċjoè mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur; u meta jgħaddi *dak iż-żmien, isir operattiv* għalieh is-subart. (3) ta' dak l-istess artikolu, li jgħid illi l-Awtorità kompetenti tista' tieħu pussess "without any further formality";

Il-provvediment ta' "alternative accomodation" hu maħsub fl-interess esklużiv u personali tal-"occupier", sabiex ma jsibx ruħu bla dar. Huwa hu li, meta hi meħtieġa *l-offerta ta' dar oħra, jista' jkun intitolat li ma jikkonsen*jax il-pussess bis-saħħa tal-obligu separatament impost lilu sakemm dik l-offerta ma tkunx saret. Iżda f'dan is-sid ma għandha x'taqsam xejn. Hi la għandha ebda dritt, la ebda nteress leġittimu, u lanqas ebda "locus standi", meta mhix tokkupa l-fond rigward l-"alternative accomodation";

Kieku s-sid, bħala tali, kellu d-dritt jindaħal fil-kwistjoni tal-offerta ta' "alternative accomodation", loġikament kien ikollu wkoll id-dritt li jiddiskuti jekk l-"alternative accomodation" offerta hijiex, kif tgħid il-liġi, "reasonably sufficient" għar-residenti — li hu manifestament assurd. Kien ikollu wkoll id-dritt, similment assurd, li jinsisti fuq l-offerta ta' "alternative accomodation" *non ostante li l-*"occupier" (li lilu biss tolqot il-kwistjoni) ma jkollux ebda nteress; per eżempju, għax għandu kemm irid fejn imur band'oħra, jew għax, kif aktarx ġara fil-każ preżenti, il-biċċa tal-art li sejra tittieħed tħalli dik li hi l-vera residenza ntatta, u r-residenti jibqgħu ampjament moqdija;

Il-liġi hawnhekk qegħdha tipprovdi għal interess reali u prattiku, u trid tikkonċilja l-interess publiku tal-esproprjazzjoni mal-interess privat ta' min joqgħod ġo dar biex ma jiġix mitfugħ addoċċ barra fit-trieq. Għal dan il-fini, iddritt ta' proprjetà diżakkompanjat minn kwalunkwe residenza jew okkupazzjoni, ma għandu assolutament ebda rilevanza. Għalhekk *l-argument tal-appellanti, li hi l-posse*ditriċi "de jure" tal-fond, hu għal kollox barra minn loku;

għax għall-finijiet in diskussjoni, imħarsin in bwona fede u bil-bon sens, il-liġi tħares biss lejn id-detentur fiżiku;

L-argument l-ieħor, li l-appellanti bħala s-sid għandha l-obligu li timmantjeni l-pussess tal-inkwilin tagħha, hu biss speċjus. B'dan l-argument, is-sid kien ikollha d-dritt li timpedixxi l-esproprjazzjoni għal kollox u dejjem, għax b'hekk biss jista' l-inkwilin jibqa' fid-dgawdija tal-fond. Bl-insistenza li tingħata lill-inkwilin dar oħra mhux talli s-sid ma tkunx qegħdha taqdi l-obligu tagħha li timmantjeni lill-inkwilin fil-pussess tal-fond, iżda talli, għall-kuntrarju, tkun qegħdha tgħin biex l-inkwilin jitlef, jew ma jkomplix dak il-pussess, u l-lokazzjoni tispiċċa;

Dan kollu li ntqal jassumi għall-grazzja tal-argument illi fil-każ preżenti, l-offerta ta' "alternative accomodation" lill-"occupier" kienet rikjesta, u juri li din hi kwistjoni li fiha l-appellanti legalment ma tidħol xejn. Jekk, trattandosi ta' esproprjazzjoni ta' biċċa ġnien, parti minn remissa separata mid-dar proprja u biċċa taraġ fil-ġnien, meta r-residenza vera ser tibqa' ntatta u apparentement hi "reasonably sufficient for the persons resident in that dwelling house", hix meħtieġa dik l-offerta, hi kwistjoni li, bħala li tinteressa biss lill-"occupier", tista' tiġi diskussa biss miegħu, u ma tidħolx f'din il-kawża. U kemm dak l-"occupier" ma għandux ebda nteress jidher mill-fatt li, sa fejn jirrigwarda lilu, il-pussess tiegħu, billi ħalla x-xogħolijiet jinbdew;

Kwantu għall-ispejjeż, l-attur kellu kwalunkwe dritt jaġixxi biex jitlob ir-revoka tal-mandat ottenut mill-appellanti bla ma joqgħod jistenna biex jara x'ser tagħmel hi stess fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi biex tistitwixxi l-kawża. Fil-fatt, l-attur aġixxa tliet ijiem qabel l-appellant, u ċ-ċitazzjoni tiegħu ġiet saħansitra appuntata għas-smiegħ bl-urġenza anki qabel ma mexxiet il-quddiem l-appellanti;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.